



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 60/17
Il-Lussemburgu, 8 ta' Ġunju 2017

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Dħul fil-kariga ta' Membru ġdid tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Marzu 2017, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru lil Colm Mac Eochaidh bħala Mħallef tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, b'mandat li jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2019.

Fl-okkażjoni tat-teħid ta' ġurament mill-Imħallef il-ġdid li huwa mistenni jidħol fil-kariga tiegħu, illum ser tinżamm udenzja solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Iċ-ċerimonja ser tixxandar diretta fin-12:30 fuq is-sit segwenti: <http://c.connectedviews.com/cdj>

Curriculum vitae ta' Colm Mac Eochaidh

imwieded fl-1963; gradwat fil-liġi mill-University College Dublin, National University of Ireland (1984); barrister affiljat mal-Honorable Society of King's Inns Dublin (1987); ġurista fil-qasam Ewropew fi ħdan il-Law Society, Chancery Lane f'Londra (1988-1990); rappreżentant tal-Law Society of England and Wales u tal-Law Society of Scotland fi Brussell (1990-1993); barrister (1993-2009) u senior counsel (2009-2012); lecturer fid-dritt tal-kompetizzjoni mal-Honorable Society of King's Inns Dublin (1993-1999); lecturer fil-EU-China Law School (2008-2012); Imħallef (2012-2017) u President tal-awla li tisma' kwistjonijiet dwar l-immigrazzjoni u l-ażil (2014-2017) fil-High Court; Imħallef fil-Qorti Ġenerali sa mit-8 ta' Ġunju 2017.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355